

31999R2637

L 323/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.12.1999

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2637/1999  
ta' l-14 ta' Diċembru 1999**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2848/98 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 fir-rigward ta' l-iskema tal-premium, il-kwoti ta' produzzjoni u l-għajna speċifika li għandha tingħata lill-gruppi ta' produttori fis-settur tat-tabakk mhux maħdum**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 660/1999<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 14a tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2848/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 fir-rigward ta' l-iskema tal-premium, kwoti ta' produzzjoni u l-għajna speċifika li għandha tingħata lill-gruppi ta' produttori fis-settur tat-tabakk mhux maħdum<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2162/1999<sup>(4)</sup>, jistipula l-31 ta' Jannar tas-sena tal-ħsad bħala d-data li fiha d-dikjarazzjonijiet tal-kwota għandhom jinħarġu lill-produtturi ndividwali li m'humix membri ta' grupp produttur u lill-gruppi produtturi u jippermetti lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru perjodu ta' 20 jum li fih jirreġistra ftehim bil-miktub bejn il-produtturi ndividwali dwar it-trasferiment permanenti tal-kwoti;
- (2) Iżjed żmien huwa meħtieġ biex jiġu mitmuma l-proċeduri għall-ħruġ tad-dikjarazzjonijiet tal-kwota u r-reġistrar ta' ftehim bil-miktub u t-trasferiment tal-kwota f'ċerti Stati Membri minħabba l-verifika amministrattivi li għandhom iwettqu, b'mod partikolari verifika fuq il-pakketti ta' art. Il-limitu ta' żmien għall-ħruġ tad-dikjarazzjonijiet tal-kwota lill-produtturi ndividwali li m'humix membri ta' xi grupp produttur jew gruppi ta' produttori għandu għalhekk jiġi mtawwal b'xahar u l-perjodu għar-reġistrazzjoni tal-ftehim bil-miktub dwar it-trasferiment permanenti tal-kwoti b'għaxart ijiem;
- (3) L-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 2848/98 jipprovdi l-ammonti li għandhom jitħallsu lill-produtturi li l-kwoti tagħhom ikunu nxtraw lura għall-ħsad tal-

1999 taħt l-iskema tax-xiri lura tal-kwota. L-ammonti li għalihom il-produtturi li l-kwoti tagħhom jinxtraw lura għall-ħsad ta' l-2000 inkuni ntitolati għandu issa jiġi preskritt, mingħajr preġudizzju għal xi emendi fil-futur;

- (4) Il-kwantitajiet li kienu s-suġġett ta' applikazzjoni għax-xiri lura ta' kwota u l-kwantitajiet mixtrija lura minn grupp ta' varjetajiet taħt l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 2848/98, li għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 54(j) ta' dak ir-Regolament, ma jkunux disponibbli qabel il-31 ta' Diċembru 1999. L-ammonti ta' xiri lura miftiehma għall-ħsad tal-1999 għandhom għalhekk jiġu miżmuma għall-ħsad tal-2000;
- (5) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għat-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2848/98 qiegħed b'dan jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 22(3) il-kliem "31 ta' Jannar" huma sostitwiti bi "l-aħħar ta' Frar".
2. Fl-Artikolu 33(2) il-kelma "għoxrin" hija sostitwita bil-kelma "tletin".
3. Il-paragrafu li ġej qiegħed jiżded ma' l-Artikolu 36:  
"Il-produtturi li l-kwoti tagħhom inxtraw lura fir-rigward tal-ħsad ta' l-2000 ikunu ntitolati kull sena għall-ħlas tal-premiums għall-ħsad ta' l-2001, l-2002 u l-2003 għall-ammonti indikati fl-ewwel paragrafu dwar il-ħsad tal-1999."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika b'effett mill-ħsad ta' l-2000.

<sup>(1)</sup> ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, tas-27.3.1999, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 358, tal-31.12.1998, p. 17.

<sup>(4)</sup> ĠU L 265, tat-13.10.1999, p. 13.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Diċembru 1999.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---